MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1663/2002

**Western Co. Ltd.**

**Vs**

**Aaron Galea**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Gunju 2002 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1055.67 (elf u hamsa u hamsin Lira Maltin u sebgha u sittin centezmu) rapprezentanti ta' kambjali li skadew izda baqghu ma thallsux.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Fil-31 ta' Mejju 1999 inhargu diversi kambjalijiet minn Aaron Galea favur Western Co. Ltd. ghall-ammont ta' Lm50.27 kull wiehed pagabbli kull xahar fuq medda ta' diversi xhur. Il-konvenut naqas li jhallas wiehed u ghoxrin

kambjalijiet li immatturaw fit-30 ta’ kull xahar bejn Mejju u Jannar 2002.

Ghalhekk l-ammont totali dovut huwa Lm1055.67 minbarra l-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita tal-kambjalijiet sad-data tal-pagament effettiv u oltre l-ispejjez legali u gudizzjarji inkluzi il-mandat ta’ qbid kawtelatorju.
Ra r-risposta fejn inghad:-
1. Illi preliminarjament mhuwiex minu li l-ammont dovut huwa ta’ Lm1055.67 kif ser jigi pruvat waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi subordinatament, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi l-konvenut offra u ghamel pagamenti izda s-socjeta` attrici rrifjutat tikkonsenja l-kambjali mmaturati.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi l-azzjoni in dezamina tikkoncerna ‘actio cambiaria’, di fronti ghal liema kawza huma permessibbli eccezzjonijiet ta’ formalita. Gew esibiti l-kambjali in kwistjoni a fol 8-28 tal-process.

Illi l-konvenut mar oltre minn hekk u eccepixxa l-pagament ta’ disa` (9) minnhom (vide xhieda konvenut a fol 36 u d-dokumenti minnhu esibiti a fol 49 et seq).

Illi tant il-konvenut irnexxielhu jipprova l-pagament li l-istess socjeta` attrici ma kkontestatx il-pagament tramite cheque a fol 55.

Jirrizulta s-segwenti kambjali li kontra taghhom sar il-pagament nru 12 a fol 13, 13 a fol 20, 14 a fol 21, 15 a fol 12, 16 a fol 18, 17 a fol 14, 18 a fol 8. Ma jirrizultax il-kambjali a fol 19 u 20. Peress li l-ammont imhallas jammonta ghal erba` mija sitta u hamsin lira (Lm456), iridu jitnaqqsu zewg (2) kambjali dawk sussegwenti ghall-istess.

Jiddeciedi billi jilqa` t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ hames mija disa` u disghin u sitta u sebghin

centezmu (Lm599.67) u jichad l-eccezzjoni tal-konvenut sa dan l-ammont, bl-interess pero` l-ispejjes bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------